ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 322

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

7 ta' Diċembru 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1437/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni** ........................ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2007 tas-6 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .................. 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1439/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda** .......................................... 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1440/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda** .......................................... 10

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1441/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikro-bijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel** ([1]) ......... 12

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1442/2007 tas-6 ta' Diċembru 2007 li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu 30

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1443/2007 tas-6 ta' Diċembru 2007 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 900/2007 .................................................... 32

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1444/2007 tas-6 ta' Diċembru 2007 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 1060/2007 .................................................. 33

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2007/795/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Diċembru 2007 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, għas-sena 2007, għal studji, valutazzjonijiet u stimi ta' l-impatt li jkopru l-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żooteknika** ........................... 34

2007/796/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2007/554/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5890)* ([1]) ................................................................ 37

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

# I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1437/2007

## tas-26 ta' Novembru 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Fil-każ ta' miżuri ta' intervent li fir-rigward tagħhom somma għal kull unità ma tiġix determinata fi ħdan il-qafas ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq, għandhom jiġu stabbiliti regoli implimentattivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-metodu għad-determinazzjoni ta' l-ammonti li jridu jiġu ffinanzjati, il-finanzjament tan-nefqa li tirriżulta mill-irbit tal-fondi meħtieġa għax-xiri ta' prodotti u l-finanzjament tan-nefqa li tirriżulta mill-ħżin u, fejn huwa meħtieġ, l-operazzjonijiet ta' pproċessar.

(2) Minħabba n-natura tal-miżuri u l-programmi koperti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [2] għandu jsir provvediment li f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifkati l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jista' jiffinanzja l-ispejjeż amministrattivii u tal-persunal imġarrba fl-eżekuzzjoni ta' miżuri u programmi bħal dawn.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 [3] jipprevedi l-proċedura li trid tiġi segwita mill-Kummissjoni biex tiddeċiedi jekk tnaqqasx jew tissospendix il-pagamenti ta' kull xahar, kif ukoll il-proċedura li trid tiġi segwita biex tittieħed deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew it-tnaqqis ta' pagamenti intermedji.

(4) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-ammonti li jridu jiġu esklużi mill-finanzjament Komunitarju jekk issib li din in-nefqa ġġarbet b'mod li jikser ir-regoli tal-Komunità. Fil-kuntest tal-proċedura li twassal għall-esklużjoni mill-finanzjament tal-Komunità, il-Kummissjoni, sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni, tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-mod kif japplika l-leġislazzjoni Komunitarja. Jekk l-Istat Membru jonqos milli jimplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjonijiet ulterjuri għall-esklużjoni tan-nefqa mill-finanzjament Komunitarju. Barra minn hekk, jista' jiġi stabbilit li f'ċerti każi rakkomandazzjonijiet bħal dawn mhux ser ikunu jew ma jistgħux ikunu implimentati fil-futur immedjat.

(5) F'dawn iċ-ċirkostanzi l-possibbiltà tas-sospensjoni jew it-tnaqqis tal-pagamenti ta' kull xahar jew intermedji kif attwalment previst fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 ma tipproteġġix biżżejjed l-interess finanzjarju tal-Komunità. F'dan ir-rigward, huwa kkunsidrat utli li wieħed jipprevedi proċedura ġdida li tippermetti lill-Kummissjoni tissospendi jew tnaqqas il-pagamenti f'sitwazzjonijiet speċifiċi b'mod iktar effettiv.

[1] Opinjoni tal-11 ta' Ottubru 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bi 2006/965/KE (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 22).
[3] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 378/2007 (ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).

(6) Sospensjoni *ex-ante* jew tnaqqis fil-pagamenti fil-qasam agrikolu jista' jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji serji għall-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, meta mqabbel mal-proċedura għad-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni tal-konformità, l-Istat Membru għandu biss possibbiltajiet limitati biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu firrigward tal-Kummissjoni. Għal dawn ir-raġunijiet ilproċedura l-ġdida ta' sospensjoni jew tnaqqis tal-pagamenti għandha tintuża biss fil-każ li wieħed jew aktar mill-komponenti ewlenin tas-sistema ta' kontroll nazzjonali in kwistjoni ma jeżistux jew mhumiex effettivi minħabba l-gravità jew il-persistenza tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu.

(7) Għandu jsir provvediment biex jiġu ċċarati l-kondizzjonijiet li taħthom tkun inammissibbli dikjarazzjoni intermedja ta' nefqa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mis-sezzjoni ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija ([1]) jirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu kontrolli ex-post fuq ċertu nfiq tal-politika agrikola komuni għas-sena finanzjarja "n" fil-perijodu mill-1 ta' Lulju n + 1 sat-30 ta' Ġunju n + 2. Ir-rapport lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ta' kontroll f'dak ilperijodu huwa dovut biss sa l-aħħar tas-sena n + 2.

(9) Minħabba l-limitu taż-żmien għad-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' konformità stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huwa effettivament impossibbli għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwar esklużjoni millfinanzjament tal-Komunità fil-każ li Stat Membru ma jikkonformax ma' l-obbligi ta' kontroll tiegħu skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89. Sabiex din il-problema tiġi ttrattata, il-limitu ta' żmien m'għandux japplika għall-ksur ta' l-obbligi ta' kontroll ta' l-Istati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89, dment li l-Kummissjoni taġixxi fuq ir-rapport ta' l-Istati Membri fi ħdan perijodu ta' tnax-il xahar wara li tirċievi dak ir-rapport.

(10) Minħabba li mhemmx bżonn li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mod li huma ddeċidew jew jippjanaw li juzaw mill-ġdid il-fondi kkanċellati u biex jemendaw il-pjan ta' finanzjament għall-programm għall-iżvilupp rurali kkonċernat, id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 għandha tithassar.

(11) Sabiex jiġu allinjati r-regoli transitorji għas-Sezzjoni ta' Gwida tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), mad-dispożizzjonijiet il-ġodda applikabbli għall-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss tal-Fondi Strutturali, ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 għandu jiġi emendat konformement mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([2])

(12) Jeħtieġ li tiġi ċċarata l-bażi legali għall-adozzjoni ta' regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta regoli ddettaljati ta' applikazzjoni firrigward tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ilbenefiċjarji tal-politika agrikola komuni, fir-rigward ta' miżuri ta' intervent fejn l-ebda somma fissa għal kull oġġett ma ġiet stabbilita fl-organizzazzjoni tas-suq komuni u fir-rigward ta' appropriazzjonijiet li ġew trasferiti biex jiffinanzjaw il-pagamenti diretti lill-bdiewa taħt il-politika agrikola komuni.

(13) Fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), id-dispożizzjonijiet dwar ilpubblikazzjoni annwali *ex-post* tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit tal-Komunitajiet Ewropej iddaħħlu f'dak ir-Regolament sabiex jimplimentaw l-Inizjattiva Ewropea favur it-Trasparenza. Ir-Regolamenti speċifiċi għas-settur għandhom jipprovdu l-mezzi għal pubblikazzjoni bħal din. Kemm il-FAEG kif ukoll l-FEAŻR jiffurmaw parti mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u min-nefqa finanzjarja fil-kuntest ta' ġestjoni konġunta bejn l-Istati Membri u l-Komunità. Ir-regoli għalhekk għandhom jiġu stabbiliti għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' dawn il-Fondi. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni *ex-post* annwali tal-benefiċjarji u l-ammonti rċevuti minn kull benefiċjarju taħt kull wieħed minn dawn il-Fondi.

(14) Li din l-informazzjoni issir aċċessibbli għall-pubbliku ssaħħaħ it-trasparenza fir-rigward ta' l-użu tal-fondi Komunitarji fil-politika agrikola komuni u jtejjeb il-ġestjoni finanzjarja soda ta' dawn il-fondi, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kontroll pubbliku tal-flus li jintużaw. Minħabba l-importanza enormi ta' l-objettivi segwiti, huwa ġġustifikat, fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità u l-ħtieġa tal-protezzjoni tad-data personali, li tkun prevista l-pubblikazzjoni ġenerali ta' l-informazzjoni rilevanti billi din ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju f'soċjetà demokratika u għall-prevenzjoni ta' l-irregolaritajiet. B'kont meħud ta' l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta' l-10 ta' April 2007 ([4]), huwa xieraq li jsir provvediment għall-benefiċjarji tal-fondi biex dawn jiġu informati li dik id-data tista' ssir pubblika u li din tista' tiġi pproċessata minn korpi ta' verifika u ta' investigazzjoni.

([1]) ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2154/2002 (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 4).

([2]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1989/2006 (ĠU L 411, 30.12.2006, p. 6).

([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

([4]) ĠU C 134, 16.6.2007, p. 1.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT,

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Fejn, fi ħdan il-qafas ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq, ma tkunx ġiet determinata somma għal kull unità fir-rigward ta' miżura ta' intervent, il-FAEG għandu jiffinanza l-miżura konċernata abbażi ta' l-ammonti standard li huma uniformi mal-Komunità kollha, partikolarment għall-fondi li joriġinaw fl-Istati Membri użati għall-akkwist ta' prodotti, għall-operazzjonijiet fuq materjal relatati mal-ħżin u, fejn ikun il-każ, għall-ipproċessar ta' prodotti ta' intervent.

L-imposti u l-ispejjeż rispettivi għandhom jiġu kkalkolati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41(3)."

(2) Fl-Artikolu 13, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"F'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati debitament, l-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-miżuri u l-programmi koperti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (*).

(*) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/965/KE (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 22).";

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 17a*

**Tnaqqis u sospensjoni tal-pagamenti ta' kull xahar f'każijiet speċifiċi**

1. Bla preġudizzju għall-Artikolu 17, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni, skond il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, li tnaqqas jew tisspospendi l-pagamenti ta' kull xahar msemmija fl-Artikolu 14 għal perijodu li jrid jiġi ddeterminat fid-deċiżjoni, li m'għandux jaqbeż tnax-il xahar iżda li jista' jiġi estiż għal aktar perijodi ta' mhux aktar minn tnax-il xahar jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jibqgħu jiġu sodisfatti.

2. Il-pagamenti ta' kull xahar jistgħu jitnaqqsu jew jiġu sospiżi jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) waħda jew iktar mill-komponenti ewlenin tas-sistema ta' kontroll nazzjonali in kwistjoni ma jeżistux jew mhumiex effettivi minħabba l-gravità jew il-persistenza tan-nuqqasijiet li nstabu,

(b) in-nuqqasijiet imsemmija fil-punt (a) huma ta' natura kontinwa u kienu r-raġuni għal mill-inqas żewġ deċiżjonijiet skond l-Artikolu 31, għall-esklużjoni min-nefqa tal-finanzjament tal-Komunità mill-Istat Membru kkonċernat, u

(ċ) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru kkonċernat ma implimentax ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex jirrimedja s-sitwazzjoni u mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan fil-futur immedjat.

3. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat bl-intenzjoni tagħha u tistaqsih għar-reazzjoni tiegħu fi żmien perijodu ddeterminat mill-Kummissjoni skond il-gravità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun inqas minn 30 jum.

Il-perċentwali li biha jistgħu jitnaqqsu jew jiġu sospiżi l-pagamenti ta' kull xahar għandha tikkorrispondi għall-perċentwali deċiża mill-Kummissjoni fl-aħħar deċiżjoni tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 2(b). Din għandha tiġi applikata għan-nefqa rilevanti li ssir mill-aġenzija li qed tħallas meta jeżistu n-nuqqasijiet imsemmija fil-paragrafu 2(a).

4. It-tnaqqis jew is-sospensjoni m'għandhomx jitkomplew jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jibqgħux sodisfatti. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-approvazzjoni ta' konformità skond l-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament.";

(4) Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Jekk wieħed mill-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ma jintlaħaqx, il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-aġenzija akkreditata li qed tħallas u lill-korp ta' koordinament, fil-każ li jkun inħatar wieħed. Jekk wieħed mill-ħtiġiet stabbiliti fil-punt (a) jew (c) tal-paragrafu 3 ma jiġix irrispettat, id-dikjarazzjoni tan-nefqa għandha tkun inammissibbli.";

(5) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 27a*

**Sospensjoni u tnaqqis tal-pagamenti intermedji f'każi speċifiċi**

L-Artikolu 17*a* għandu japplika *mutatis mutandis* għas-sospensjoni u t-tnaqqis tal-pagamenti intermedji msemmija fl-Artikolu 26.";

(6) Fl-Artikolu 31(5), l-punt (c) li ġej għandu jiġi miżjud:

"(c) ksur mill-Istati Membri ta' l-obbligi tagħhom skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri ta' transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mis-sezzjoni ta' Garanziji tal-Gwida Agrikola u tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (*), dment li l-Kummissjoni tinnotifika bil-miktub lill-Istat Membru dwar ir-riżultati ta' l-ispezzjoni fi żmien 12-il xahar wara li jkun wasal ir-rapport ta' l-Istat Membru dwar ir-riżultati tal-kontrolli tiegħu tan-nefqa kkonċernata.

(*) ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2154/2003 (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 4).";

(7) Fl-Artikolu 33(4), għandu jitħassar it-tieni subparagrafu;

(8) Fl-Artikolu 40, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikoli 31(2), 32(4) u 37(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (*), somom parzjali impenjati bħala għajnuna kofinanzjata mis-Sezzjoni ta' Gwida ta' l-FAEGG approvata mill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2006, li għaliha d-dikjarazzjoni tan-nefqa ċċertifikata effettivament mħallsa, ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 38(1)(f) ta' dak ir-Regolament ma ntbgħatux lill-Kummissjoni fi żmien 15-il xahar wara d-data finali ta' eliġibilità tan-nefqa stabbilita fid-deċiżjoni li tagħti kontribut mill-Fondi, għandha tiġi awtomatikament diżimpenjata mill-Kummissjoni mhux iktar tard minn 6 xhur wara dik id-data ta' skadenza, li tagħti lok għal ħlas lura ta' ammonti mħallsa b'mod mhux ġustifikat.

(*) ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).";

(9) L-Artikolu 42 hu b'dan emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. il-kondizzjonijiet applikabbli għall-akkreditazzjoni ta' l-aġenziji li jħallsu kif ukoll għall-akkreditazzjoni speċifika ta' korpi ta' koordinament, il-funzjonijiet rispettivi tagħhom, l-informazzjoni meħtieġa u l-arranġamenti biex issir disponibbli jew tiġi trasmessa lill-Kummissjoni;";

(b) għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"8a. regoli dettaljati dwar il-finanzjament u l-kontabilità tal-miżuri ta' intervent fil-forma ta' ħżin pubbliku kif ukoll nefqa oħra ffinanzjata mill-FAEG u l-FAEŻR;

8b. ir-regoli dettaljati dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 44a u dwar l-aspetti prattiċi relatati mal-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali tagħhom skond il-prinċipji stabbiliti fil-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tad-data. Dawn ir-regoli għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-benefiċjarji tal-fondi jiġu informati li din id-data tista' ssir pubblika u tista' tiġi pproċessata minn korpi ta' verifika jew ta' investigazzjoni għall-fini tas-salvagwardja ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, inkluż il-ħin meta din l-informazzjoni għandha sseħħ;

8c. il-kondizzjonijiet u r-regoli dettaljati applikabbli għall-approprjazzjonijiet li ġew ittrasferiti skond l-Artikolu 149(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2022 biex jiffinanzjaw in-nefqa msemmija fl-Artikolu 3(1)(c) ta' dan ir-Regolament.";

(10) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 44a*

**Pubblikazzjoni tal-benefiċjarji**

Skond l-Artikolu 53b(2)(d) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni *ex post* tal-benefiċjarji ta' l-FAEG u l-FAEŻR u l-ammonti li jirċievi kull benefiċjarju taħt kull wieħed minn dawn il-Fondi.

Il-pubblikazzjoni għandha għall-inqas tinkludi:

(a) għall-FAEG, l-ammont suddiviż f'pagamenti diretti fis-sens ta' l-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u infiq ieħor;

(b) għall-FAEŻR, l-ammont totali tal-finanzjament pubbliku għal kull benefiċjarju.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (3) u l-punt (5) ta' l-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2008.

Il-punt (6) ta' l-Artikolu 1 għandu japplika fir-rigward tar-rapporti ta' l-Istati Membri riċevuti għand il-Kummissjoni wara l-1 ta' Jannar 2008, eskluż kwalunkwe infiq li sar mill-Istati Membri qabel is-sena finanzjarja 2006.

Il-punt (10) ta' l-Artikolu 1 għandu japplika għall-infiq mill-FAEG magħmul mis-16 ta' Ottubru 2007 u għall-infiq mill-FAEŻR mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kunsill,*

*Il-President*

J. SILVA

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1438/2007

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 114,0 |
| | MA | 65,3 |
| | SY | 68,2 |
| | TR | 128,1 |
| | ZZ | 93,9 |
| 0707 00 05 | JO | 196,3 |
| | MA | 52,5 |
| | TR | 130,3 |
| | ZZ | 126,4 |
| 0709 90 70 | MA | 58,8 |
| | TR | 110,8 |
| | ZZ | 84,8 |
| 0805 10 20 | AR | 21,0 |
| | AU | 12,3 |
| | BR | 12,7 |
| | SZ | 31,4 |
| | TR | 60,4 |
| | ZA | 39,8 |
| | ZW | 20,2 |
| | ZZ | 28,3 |
| 0805 20 10 | MA | 65,8 |
| | ZZ | 65,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 61,4 |
| | HR | 32,2 |
| | IL | 66,8 |
| | TR | 70,6 |
| | UY | 95,3 |
| | ZZ | 65,3 |
| 0805 50 10 | EG | 108,5 |
| | TR | 116,9 |
| | ZA | 61,9 |
| | ZZ | 95,8 |
| 0808 10 80 | AR | 87,7 |
| | CA | 87,3 |
| | CL | 86,0 |
| | CN | 87,0 |
| | MK | 31,5 |
| | US | 101,0 |
| | ZA | 82,4 |
| | ZZ | 80,4 |
| 0808 20 50 | AR | 71,0 |
| | CN | 77,6 |
| | TR | 145,7 |
| | ZZ | 98,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1439/2007

## tal-5 ta' Diċembru 2007

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhix skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
László KOVÁCS
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 580/2006 (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Regolament kif finalment emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjon (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Sett li jikkonsisti f'diversi *plasters* u *pads* li fihom dawn l-ingredjenti (f'% bil-piż):<br>— *Tourmaline* 4<br>— *Chitosan* 5<br>— Ħall ta' l-injam 30<br>— Trab tal-perla 4<br>— Silika pura 4<br>— Aċtu Glikoliku 3<br>— Destrina 50<br><br>Skond l-informazzjoni ta' fuq il-pakkett il-prodott huwa intiż biex itejjeb iċ-ċirkolazzjoni tad-demm fis-saqajn sabiex jattiva l-metaboliżmu tat-tixju ċellulari u jneħħi l-velenu (*detoxify*) mill-ġisem.<br><br>Il-*pads* għandhom jintlibsu fil-qiegħ tas-saqajn għal 8-10 sighat bl-għajnuna tal-plasters mogħtija.<br><br>Il-prodott ikun ippreżentat f'pakkett li jiltewa magħmul minn karta ħoxna għal bejgħ individwali. | 3824 90 98 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 3824, 3824 90 u 3824 90 98.<br><br>Il-prodott ma jistax ikun ikkunsidrat bħala preparazzjoni għall-kura tal-ġilda lanqas għall-kura tas-sieq għaliex m'huwiex imfassal primarjament għal dak il-għan (Noti ta' Spjega għas-Sistema Armonizzata għal titlu 3304, (A) (3), u (B)).<br><br>Il-*pads* jagħtu l-karattru essenzjali lill-prodott. Billi jnaqqsu tossiċita' fil-ġisem kollu kemm hu, huma ma jipprovdux effett terapewtiku ttestjat b'mod xjentifiku, u ma jistgħux ikunu kklassifikati f'titli 3004 jew 3005. Huma għandhom ikunu kklassifikati bħala preparazzjonijiet kimiċi oħra li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra. |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1440/2007**

**tal-5 ta' Diċembru 2007**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWOPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhix skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
László KOVÁCS
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 580/2007 (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif finalment emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. Envelop żgħir tad-daqs bejn wieħed u ieħor ta' 40 × 50 mm, li jingħalaq waħdu, li jikkonsisti f'żewġ fojls imwaħħla bis-sħana komposti mill-plastik u aluminju, u li fih kampjun ta' fwieħa fil-forma ta' ġel. Fuqu hemm stampat l-isem tal-fwieħa.<br><br>Il-fojl jista' jinfetaħ sabiex ikun mikxuf il-kampjun tal-fwieħa fi kwantità biżżejjed biex tfewwaħ meta tingħorok mal-polzi.<br><br>Il-prodott m'huwiex intenzjonat għall-bejgħ bl-imnut. Huwa intenzjonat biex jitwaħħal ma' *brochures*, fuljetti, kartolini, jew paġni ta' reklamar fi'rivisti stampati b'ritratti u b'test iddisinjat biex jirreklamaw fwieħa speċifika. | 3303 00 10 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2 għal Sezzjoni VI u l-kliem tal-kodiċi tNM 3303 00 u 3303 00 10.<br><br>Il-prodott għandu jkun ikklassifikat bħala fwieħa f'subtitlu 3303 00 10 minħabba li fiha hemm kwantita' biżżejjed ta' fwieħa biex tfewwaħ il-ġisem. |
| 2. Paġna stampata ta' reklamar, f'format A4, parzjalment jew kompletament mitwija. Il-paġna hija koperta taħt it-tinja b'kampjun tal-fwieħa fil-forma ta' mikrokapsuli, pejst jew trab. It-tinja hija magħluqa bis-sħana.<br><br>It-tinja tista' tinfetaħ sabiex ikun mikxuf il-kampjun tal-fwieħa fi kwantita' insuffiċċjenti biex tfewwaħ meta tingħorok mal-polzi.<br><br>Il-prodott mhux intenzjonat għall-bejgħ bl-imnut. Huwa intenzjonat li jitqiegħed f'rivisti u oġġetti simili stampati bir-ritratti u bit-test iddisinjat biex jirreklamaw fwieħa speċifika. | 4911 10 90 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi tNM 4911, 4911 10 u 4911 10 90.<br><br>Il-prodott ma jistax ikun klassifikat f'subtitlu 3303 00 10 għaliex il-fwieħa tinsab fi kwantita' insuffiċċjenti biex tfewwaħ meta tingħorok mal-polzi.<br><br>Il-prodott għandu jkun ikklassifikat f'subtitlu 4911 10 90 bħala materjal stampat ta' reklamar minħabba li l-irreklamar stampat jagħtih il-karattru essenzjali tiegħu (Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għall-Kapitlu 49, Ġenerali, l-1 paragrafu). |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1441/2007

## tal-5 ta' Diċembru 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikro-bijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti ta' l-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikoli 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikro-bijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel ([2]) jistipula l-kriterji mikro-bijoloġiċi għal ċerti mikro-organiżmi u r-regoli ta' implimentazzjoni li jridu jikkonformaw magħhom l-operaturi fis-settur ta' l-ikel fl-implimentazzjoni tal-miżuri ġenerali u speċifiċi ta' iġjene msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jistipula wkoll li l-operaturi fis-settur ta' l-ikel għandhom jiżguraw li l-oġġetti ta' l-ikel jikkonformaw mal-kriterji mikro-bijoloġiċi rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) Il-Kapitoli 1 u 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 stabbilixxa kriterji ta' sikurezza għall-oġġetti ta' l-ikel u kriteri dwar il-proċess ta' iġjene rigward formuli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċifiċi intenzjonati għat-trabi taħt is-sitt xhur (formuli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef). Il-Parti 2.2 ta' Kapitolu 2 ta' l-Anness tistipula li fejn formuli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef mhumiex ittestjati u jinstab li jkollhom l-*Enterobacteriaceae* f'xi wieħed mill-unitajiet kampjuni, il-grupp għandu jiġi ttestjat għall-*Enterobacter sakazakii* u s-*Salmonella*.

(3) Fl-24 ta' Jannar 2007, Il-Bord Xjentifiku dwar il-Perikli Bijoloġiċi (il-Bord tal-BIOHAZ) ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (EFSA) ħareġ opinjoni dwar l-*Enterobacteriaceae* bħala indikaturi tas-*Salmonella* u ta' l-*Enterobacter sakazakii*. Dan ikkonkluda li ma kienx possibbli li tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn l-*Enterobacteriaceae* u s-*Salmonella*, u li ma teżisti ebda korrelazzjoni universali bejn l-*Enterobacteriaceae* u l-*Enterobacter sakazakii*. Fil-livell individwali ta' l-impjant, tista' tiġi stabbilita madankollu korrelazzjoni bejn l-*Enterobacteriaceae* u l-*Enterbacter sakazakii*.

(4) Għalhekk ir-rekwiżit stipulat fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar l-ittestjar tas-*Salmonella* u ta' l-*Enterobacter sakazakii* fil-formuli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef fejn jinstabu l-*Enterobacteriaceae* f'xi wieħed mill-unitajiet kampjuni ma għandux japplika aktar. Il-Parti 2.2 tal-Kapitolu 2 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi emendata.

(5) B'konformità ma' l-opinjoni dwar ir-riskji mikro-bijoloġiċi fil-formuli tat-trabi u formuli ta' prosegwiment maħruġa mill-Bord tal-BIOHAZ ta' l-EFSA fid-9 ta' Settembru 2004, għandhom jiġu stipulati kriterji mikro-bijoloġiċi dwar is-*Salmonella* u l-*Enterobacteriaceae* għal formuli mnixxfa ta' prosegwiment.

(6) Il-Bord tal-BIOHAZ ta' l-EFSA ħareġ opinjoni dwar il-*Bacillus cereus* u *Bacillus spp*. oħrajn fl-oġġetti ta' l-ikel fis-26 u fis-27 ta' Jannar 2005. Hu kkonkluda li waħda mill-miżuri prinċipali ta' kontroll hu li tiġi kkontrollata t-temperatura u li tiġi stabbilita sistema bbażata fuq analiżi tal-periklu u tal-prinċipji ta' punti ta' kontroll kritiċi. Ikel diżidratat, li fih il-preżenza ta' spori tal-*Bacillus* spp patoġeniku hi frekwenti, jista' jippermetti t-tkabbir tal-*Bacillus cereus* meta jkun idratat mill-ġdid f'ilma fietel. Xi ikel diżidratat, inklużi formuli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef, jiġi kkunsmat minn konsumaturi potenzjalment fraġli. B'konformità ma' l-opinjoni ta' l-EFSA, in-numri ta' l-ispori tal-*Bacillus cereus* fil-formuli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef għandu jkun kemm jista' jkun baxx possibbli matul l-ipproċessar u għandu jiġi stipulat kriterju ta' l-iġjeni tal-proċess flimkien ma' prattiċi tajba maħsuba biex jitnaqqas id-dewmien bejn il-preparazzjoni u l-konsum.

(7) Il-Kapitolu 1 ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jipprovdi metodu analitiku ta' referenza għall-enterotossini stafilokokki f'ċerti ġobniet, trab tal-ħalib u trab tax-xorrox. Dan il-metodu kien rivedut mil-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-istafilokokki coagulażi pożittivi. Ir-referenza għal dan il-metodu analitiku ta' referenza għandha għalhekk tiġi emendata. Il-Kapitolu 1 ta' l-Anness I ma' dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi emendata għal din ir-raġuni.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; kif ikkoreġġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

([2]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.

(8) Il-Kapitolu 3 ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jistabbilixxi regoli għat-teħid ta' kampjuni għall-karkassi tal-bovini, il-ħnieżer, in-ngħaġ, il-mogħoż u ż-żwiemel għall-analiżi tas-*Salmonella*. Skond dawn ir-regoli l-erja tat-teħid tal-kampjun għandha tkopri minimu ta' 100 $cm^2$ għal kull sit magħżul. Madankollu, la n-numri tas-siti għat-teħid tal-kampjuni lanqas l-erja totali minima tat-teħid tal-kampjuni mhi speċifikata. Sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-Komunità, xieraq li jiġi speċifikat aktar fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 li l-erjas li l-aktar hemm ċans li jiġu kkontaminati għandhom jingħażlu għat-teħid tal-kampjuni u l-erja totali għat-teħid tal-kampjuni għandha tiżdied. Il-Kapitolu 3 ta' l-Anness I ma' dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi emendata għal din ir-raġuni.

(9) Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, xieraq li jiġi sostitwit l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 huwa mibdul bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**Kriterji mikro-bijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel**


| | | |
|---|---|---|
| Kapitolu 1. | Kriterji tas-sikurezza ta' l-ikel | 15 |
| Kapitolu 2. | Kriterji ta' l-iġjene tal-proċess | 20 |
| 2.1 | Laħam u prodotti tiegħu | 20 |
| 2.2 | Ħalib u prodotti tal-ħalib | 23 |
| 2.3 | Prodotti tal-bajd | 26 |
| 2.4 | Prodotti tas-sajd | 27 |
| 2.5 | Ħxejjex, frott u prodotti tagħhom | 28 |
| Kapitolu 3. | Regoli għat-teħid tal-kampjuni u t-tħejjija tal-kampjuni għall-ittestjar | 29 |
| 3.1 | Regoli għat-teħid tal-kampjuni u t-tħejjija tal-kampjuni għall-ittestjar | 29 |
| 3.2 | Teħid ta' kampjuni batterjoloġiċi fil-biċċeriji u fi stabbilimenti li jipproduċu l-laħam ikkapuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam | 29 |

**Kapitolu 1. Kriterji tas-sikurezza ta’ l-ikel**

| Kategorija ta’ l-ikel | Mikro-organiżmi/it-tossini taghhom, u l-metaboliti | Pjan ghat-tehid tal-kampjuni ([1]) | | Limiti ([2]) | | Metodu analitiku ta’ referenza ([3]) | Stadju fejn japplika l-kriterju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | |
| 1.1 Ikel lest biex jittiekel mahsub ghat-trabi u ikel lest biex jittiekel ghal skopijiet mediċi speċjali ([4]) | *Listeria monocytogenes* | 10 | 0 | Assenza f’25 g | | EN/ISO 11290-1 | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| 1.2 Ikel lest biex jittiekel favorevoli ghall-iżvilupp ta’ *L. Monocytogenes*, ghajr dak mahsub ghat-trabi u ghal skopijiet mediċi speċjali | *Listeria monocytogenes* | 5 | 0 | 100 cfu/g ([5]) | | EN/ISO 11290-2 ([6]) | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| | | 5 | 0 | Assenza f’25 g ([7]) | | EN/ISO 11290-1 | Qabel ma l-ikel jitlaq mill-kontroll immedjat ta’ l-operatur fis-settur ta’ l-ikel li pproduċieh |
| 1.3 Ikel lest biex jittiekel favorevoli ghall-iżvilupp ta’ *L. Monocytogenes*, ghajr dak mahsub ghat-trabi u ghal skopijiet mediċi speċjali ([4]) ([8]) | *Listeria monocytogenes* | 5 | 0 | 100 cfu/g | | EN/ISO 11290-2 ([6]) | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| 1.4 Laham ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laham mahsuba biex jittieklu nejjin | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f’25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| 1.5 Ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laham maghmula minn laham tat-tjur ta’ l-irziezet mahsuba biex jittieklu msajra | *Salmonella* | 5 | 0 | Mill-1.1.2006 Assenza f’10 g Mill-1.1.2010 Assenza f’25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| 1.6 Laham ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laham maghmula minn speċi ohra li mhumiex tjur ta’ l-irziezet mahsuba biex jittieklu msajra | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f’10 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| 1.7 Laham separat bil-magni (MSM) ([9]) | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f’10 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |
| 1.8 Prodotti tal-laham mahsuba biex jittieklu nejja, minbarra prodotti fejn il-proċess ta’ manifattura jew il-kompożizzjoni tal-prodott jeliminaw ir-riskju tas-salmonella | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f’25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqieghda fis-suq matul il-perjodu ta’ konservabilità taghhom |

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi/it-tossini tagħhom, u l-metaboliti | Pjan għat-teħid tal-kampjuni (1) | | Limiti (2) | | Metodu analitiku ta' referenza (3) | Stadju fejn japplika l-kriterju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | |
| 1.9 Prodotti tal-laħam magħmula minn laħam tat-tjur ta' l-irziezet maħsuba biex jittieklu msajra | *Salmonella* | 5 | 0 | Mill-1.1.2006 Assenza f'10 g Mill-1.1.2010 Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.10 Ġelatina u kollaġini | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.11 Ġobnijiet, butir u krema magħmulin minn ħalib nej jew ħalib li għadda minn trattament bi sħana iktar baxxa mill-pastorizzazzjoni (10) | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.12 Trab tal-ħalib u trab tax-xorrox | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.13 Ġelati (11), minbarra prodotti fejn il-proċess ta' manifattura jew il-kompożizzjoni tal-prodott jelimina r-riskju tas-salmonella | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.14 Prodotti tal-bajd, minbarra prodotti fejn il-proċess ta' manifattura jew il-kompożizzjoni tal-prodott jelimina r-riskju tas-*salmonella* | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.15 Ikel lest biex jittiekel li fih il-bajd nej, minbarra prodotti fejn il-proċess ta' manifattura jew il-kompożizzjoni tal-prodott jeliminaw ir-riskju tas-*salmonella* | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g jew ml | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.16 Krustaċji u molluski msajra | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.17 Molluski bivalvi ħajjin u ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.18 Żerriegħa mnibbta (lesta biex tittiekel) (12) | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi/it-tossini taghhom, u l-metaboliti | Pjan ghat-tehid tal-kampjuni (1) | | Limiti (2) | | Metodu analitiku ta' referenza (3) | Stadju fejn japplika l-kriterju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | |
| 1.19 Frott u ħxejjex maqtugħin (lesti biex jittieklu) | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.20 Meraq tal-frott u l-ħxejjex mhux ippastorizzati (lesti biex jittieklu) | *Salmonella* | 5 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.21 Ġobnijiet, trab tal-ħalib u trab tax-xorrox, kif imsemmija fil-kriterju ta' l-istafilokokki koagulażi pożittivi fil-Kapitolu 2.2 ta' dan l-Anness | Enterotossini stafilokokkali | 5 | 0 | Mhux individwat f'25g | | Il-metodu Ewropew ta' skrining tas-CRL għal stafilokokki koagulażi pożittivi (13) | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.22 Formoli mnixxfa tat-trabi u l-ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi ta' inqas minn sitt xhur | *Salmonella* | 30 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.23 Formoli mnixxfa ta' prosegwiment | *Salmonella* | 30 | 0 | Assenza f'25 g | | EN/ISO 6579 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.24 Formoli mnixxfa tat-trabi u l-ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi b'età ta' inqas minn sitt xhur (14) | *Enterobacter sakazakii* | 30 | 0 | Assenza f'10 g | | ISO/TS 22964 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.25 Molluski bivalvi ħajjin u ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin | *E. coli* (15) | 1 (16) | 0 | 230 MPN / 100g ta' likwidu tal-laħam jew intra-valvulari | | ISO TS 16649-3 | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |
| 1.26 Prodotti tas-sajd minn speċi tal-ħut assoċjati ma' ammonti għolja ta' l-istidina (17) | Istamina | 9 (18) | 2 | 100 mg/kg | 200 mg/kg | HPLC (19) | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi/it-tossini taghhom, u l-metaboliti | Pjan ghat-tehid tal-kampjuni (1) | | Limiti (2) | | Metodu analitiku ta' referenza (3) | Stadju fejn japplika l-kriterju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | |
| 1.27 Prodotti tal-ħut li kellhom trattament ta' maturazzjoni ta' l-enżimi fl-imluħa, immanifatturati minn speċi tal-ħut assoċjati ma' ammonti għolja ta' l-istidina (17) | Istamina | 9 | 2 | 200 mg/kg | 400 mg/kg | HPLC (19) | Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' konservabilità tagħhom |

(1) n = in-numru ta' unitajiet li jagħmlu kampjun; c = in-numru ta' unitajiet kampjun li jagħtu valuri bejn m u M.
(2) Għall-punti 1.1-1.25 m=M
(3) Għandha tiġi użata l-iktar edizzjoni reċenti ta' l-istandard.
(4) Ittestjar regolari f'konfront mal-kriterju mhuwiex meħtieġ f'ċirkostanzi normali għat-tipi ta' ikel lesti biex jittieklu li ġejjin:
— dawk li kellhom trattament bis-sħana jew ipproċessar ieħor effettiv biex jelimina l-*L. monocytogenes*, fejn ir-rikontaminazzjoni mhijiex possibbli wara dan it-trattament (pereżempju, il-prodotti ttrattati bis-sħana fl-ippakkeġġar finali)
— il-ħxejjex u l-frott frisk, mhux maqtugħ u mhux ipproċessat, minbarra ż-żerriegħa mnibbta
— il-ħobż, il-gallettini u prodotti simili
— l-ilma, il-minerali, il-birra, iċ-ċidru, l-inbid, l-ispirti fil-flixkun jew ippakkjati u prodotti simili
— iz-zokkor, l-għasel u l-ħelu, inkluż il-kawkaw u l-prodotti taċ-ċikkulata
— il-molluski bivalvi ħajjin.
(5) Dan il-kriterju japplika jekk il-manifattur ikun kapaċi juri, b'mod li jissodisfa l-awtorità kompetenti, li l-prodott mhux se jeċċedi l-limitu ta' 100 cfu/g matul il-perjodu ta' konservabilità. L-operatur jista' jistabbilixxi limiti intermedjarji matul il-proċess li għandhom ikunu baxxi biżżejjed sabiex jiggarantixxu li l-limitu ta' 100 cfu/g ma jinqabiżx fi tmiem il-perjodu ta' konservabilità.
(6) 1 ml ta' inokulu jitqiegħed fuq dixx Petri b'dijametru ta' 140 mm jew fuq tliet dixxijiet Petri b'dijametru ta' 90 mm.
(7) Dan il-kriterju għandu japplika għal prodotti qabel ma jħallu l-kontroll immedjat ta' l-operatur fis-settur ta' l-ikel li qed jipproduċi, meta ma jkunx kapaċi juri, b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti, li l-prodott mhux se jeċċedi l-limitu ta' 100 cfu/g matul il-perjodu ta' konservabilità.
(8) Il-prodotti b'pH ≤ 4.4 jew $a_w$ ≤ 0.92, il-prodotti b'pH ≤ 5.0 u $a_w$ ≤ 0.94, il-prodotti b'perjodu ta' konservabilità ta' inqas minn 5 ijiem se jitqiesu awtomatikament li jaqgħu f'din il-kategorija. Kategoriji oħra ta' prodotti jistgħu jaqgħu f'din il-kategorija, suġġetti għal ġustifikazzjoni xjentifika.
(9) Dan il-kriterju għandu japplika għal-laħam separat bil-magni (MSM) prodott bit-tekniki msemmija fil-paragrafu 3 tal-Kapitolu III tas-Sezzjoni V ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
(10) Minbarra prodotti fejn il-manifattur jista' juri, b'mod li jissodisfa l-awtorità kompetenti, li minħabba ż-żmien għall-maturazzjoni u l-$a_w$ tal-prodott fejn xieraq, m'hemm ebda riskju ta' *salmonella*.
(11) Il-ġelati li fihom ingredjenti tal-ħalib biss.
(12) Ittestjar preliminari tal-grupp ta' żerriegħa qabel il-bidu tal-proċess ta' l-inbid jew l-ittestjar għandu jsir fl-istadju meta tkun mistennija l-ogħla probabbiltà li tinstab is-*Salmonella*.
(13) *Referenza:* Il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għal stafilokokki koagulażi pożittivi. Il-metodu Ewropew ta' skrining għas-sejba ta' l-enterotossini stafilokokki fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib.
(14) Għandu jitwettaq ittestjar parallel għall-*Enterobacteriaceae* u *E. sakazakii*, sakemm ma ġietx stabbilita korrelazzjoni bejn dawn il-mikro-organiżmi f'livell ta' impjant individwali Jekk jinstabu l-*Enterobacteriaceae* f'wieħed mill-kampjuni tal-prodotti ttestjati f'impjant ta' din ix-xorta, il-grupp għandu jiġi ttestjat għall-*E. sakazakii*. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-manifattur li juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti jekk teżistix korrelazzjoni ta' din ix-xorta bejn l-*Enterobacteriaceae* u l-*E. sakazakii*.
(15) L-*E. coli* hawnhekk jintuża bħala indikatur tal-kontaminazzjoni tal-ħmieġ ta' l-imsaren.
(16) Kampjun kompost li jinkludi minimu ta' 10 annimali individwali.
(17) B'mod partikulari l-ispeċijiet tal-ħut tal-familji: *Scombridae, Clupeidae, Engraulidae, Coryfenidae, Pomatomidae, Scombresosidae*.
(18) Kampjuni individwali jistgħu jittieħdu fil-livell tal-bejgħ. F'każ bħal dan is-suppożizzjoni stipulata fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, skond liema l-grupp kollu għandu jitqies mhux sikur, ma għandhiex tapplika.
(19) *Referenzi*1. Malle P., Valle M., Bouquelet S. Assay of biogenic amines involved in fish decomposition. J. AOAC Internat. 1996, 79, 43-49. 2. Duflos G., Dervin C., Malle P., Bouquelet S. Relevance of matrix effect in determination of biogenic amines in plaice (*Pleuronectes platessa*) and whiting (*Merlangus merlangus*). J. AOAC Internat. 1999, 82, 1097-1101.

**Interpretazzjoni tar-riżultati ta' l-ittestjar**

Il-limiti mogħtija jirreferu għal kull unità kampjun ittestjata, esklużi l-molluski bivalvi ħajjin u l-ekinodermi, it-tunikati u l-gastropodi ħajjin fir-rigward ta' l-ittestjar għall-*E. coli*, fejn il-limitu jirreferi għal kampjun kompost.

Ir-riżultati ta' l-ittestjar juru l-kwalità mikro-bijoloġika tal-grupp ittestjat ([1]).

L-*L.monocytogenes* f'ikel lest biex jittiekel maħsub għat-trabi u għal skopijiet mediċi speċjali:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw l-assenza tal-batterju,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata f'wieħed mill-unitajiet kampjuni.

*L. monocytogenes* f'ikel lest biex jittiekel li kapaċi jsostni t-tkabbir tal-*L. monocytogenes* qabel ma l-ikel iħalli l-kontroll immedjat ta' l-operatur fis-settur ta' l-ikel li qed jipproduċi meta dan mhux kapaċi juri li l-prodott mhux se jaqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g matul il-perjodu ta' konservabilità:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw l-assenza tal-batterju,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata f'wieħed mill-unitajiet kampjuni.

*L. monocytogenes* f'ikel ieħor lest biex jittiekel u *E. coli* f'molluski bivalvi ħajjin:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati huma ≤ mil-limitu,

— mhux sodisfaċenti, jekk kwalunkwe wieħed mill-valuri huwa > mil-limitu.

*Salmonella* f'kategoriji differenti ta' l-ikel:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw l-assenza tal-batterju,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata f'wieħed mill-unitajiet kampjuni.

*Enterotossini stafilokokki* fi prodotti tal-ħalib

— sodisfaċenti, jekk fl-unitajiet kampjuni kollha ma jinstabux enterotossini,

— mhux sodisfaċenti, jekk l-enterotossini jinstabu fi kwalunkwe wieħed mill-unitajiet kampjuni.

*Enterobacter sakazakii* f'formoli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi b'età ta' inqas minn sitt xhur:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw l-assenza tal-batterju,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata f'wieħed mill-unitajiet kampjuni.

Istamina fi prodotti tas-sajd minn speċijiet tal-ħut assoċjati ma' ammonti għolja ta' l-istidina:

— sodisfaċenti, jekk ikunu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

1. il-valur medju osservat ikun ≤ m
2. massimu ta' valuri c/n osservati jkunu bejn m u M
3. l-ebda valur osservat ma jeċċedi l-limitu ta' M,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-valur medju osservat jeċċedi m, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M jew wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun >M.

([1]) Ir-riżultati ta' l-ittestjar jistgħu jintużaw ukoll għat-turija ta' l-effettività ta' l-analiżi tal-periklu u tal-prinċipji ta' punti ta' kontroll kritiċi jew tal-proċedura ta' iġjene tajba tal-proċess.

## Kapitolu 2. Kriterji ta' l-iġjene tal-proċess

2.1 *Laħam u prodotti tiegħu*

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-teħid tal-kampjuni (1) | | Limiti (2) | | Metodu analitiku ta' referenza (3) | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | | |
| 2.1.1 Karkassi ta' bovini, nagħaġ, mogħoż u żwiemel (4) | Għadd totali tal-mikro-organiżmi aerobiċi | | | 3,5 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | 5,0 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | ISO 4833 | Karkassi wara l-preparazzjoni iżda qabel it-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil u reviżjoni tal-kontrolli tal-proċess |
| | Enterobacteriaceae | | | 1,5 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | 2,5 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | ISO 21528-2 | Karkassi wara l-preparazzjoni iżda qabel it-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil u reviżjoni tal-kontrolli tal-proċess |
| 2.1.2 Karkassi tal-ħnieżer (4) | Għadd totali tal-mikro-organiżmi aerobiċi | | | 4,0 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | 5,0 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | ISO 4833 | Karkassi wara l-preparazzjoni iżda qabel it-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil u reviżjoni tal-kontrolli tal-proċess |
| | Enterobacteriaceae | | | 2,0 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | 3,0 log cfu/cm² log medju ta' kuljum | ISO 21528-2 | Karkassi wara l-preparazzjoni iżda qabel it-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil u reviżjoni tal-kontrolli tal-proċess |
| 2.1.3 Karkassi ta' bovini, nagħaġ, mogħoż u żwiemel | *Salmonella* | 50 (5) | 2 (6) | Assenza fl-erja ttestjata għal kull karkassa | | EN/ISO 6579 | Karkassi wara l-preparazzjoni iżda qabel it-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil, reviżjoni tal-kontrolli fuq il-proċess u ta' l-oriġini ta' l-annimali |
| 2.1.4 Karkassi tal-ħnieżer | *Salmonella* | 50 (5) | 5 (6) | Assenza fl-erja ttestjata għal kull karkassa | | EN/ISO 6579 | Karkassi wara l-preparazzjoni iżda qabel it-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil u reviżjoni tal-kontrolli fuq il-proċess, ta' l-oriġini ta' l-annimali u tal-miżuri ta' bijosigurtà fl-istabbiliment ta' l-oriġini |
| 2.1.5 Karkassi tat-tjur ta' l-irziezet, ta' tiġieġ żgħar u dundjani | *Salmonella* | 50 (5) | 7 (6) | Assenza f'25 g ta' kampjun kompost ta' ġilda ta' l-għonq | | EN/ISO 6579 | Il-karkassi wara t-tkessiħ | Titjib fl-iġjene tal-qtil u reviżjoni tal-kontrolli fuq il-proċess, ta' l-oriġini ta' l-annimali u tal-miżuri ta' bijosigurtà fl-istabbiliment ta' l-oriġini |

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-teħid tal-kampjuni ([1]) | | Limiti ([2]) | | Metodu analitiku ta' referenza ([3]) | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | | |
| 2.1.6 Laħam ikkapuljat | Għadd totali tal-mikro-organiżmi aerobiċi ([7]) | 5 | 2 | $5 \times 10^5$ cfu/g | $5 \times 10^6$ cfu/g | ISO 4833 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u titjib fl-għażla u/jew l-oriġini tal-materji primi. |
| | *E. coli* ([8]) | 5 | 2 | 50 cfu/g | 500 cfu/g | ISO 16649-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u titjib fl-għażla u/jew l-oriġini tal-materji primi. |
| 2.1.7 Laħam separat bil-magni (MSM) ([9]) | Għadd totali tal-mikro-organiżmi aerobiċi | 5 | 2 | $5 \times 10^5$ cfu/g | $5 \times 10^6$ cfu/g | ISO 4833 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u titjib fl-għażla u/jew l-oriġini tal-materji primi. |
| | *E. coli* ([8]) | 5 | 2 | 50 cfu/g | 500 cfu/g | ISO 16649-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u titjib fl-għażla u/jew l-oriġini tal-materji primi. |
| 2.1.8 Preparazzjonijiet tal-laħam | *E. coli* ([8]) | 5 | 2 | 500 cfu/g jew $cm^2$ | 5 000 cfu/g jew $cm^2$ | ISO 16649-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u titjib fl-għażla u/jew l-oriġini tal-materji primi. |

([1]) n = in-numru ta' unitajiet li jagħmlu kampjun; c = in-numru ta' unitajiet kampjun li jagħtu valuri bejn m u M.
([2]) Għall-punti 2.1.3 – 2.1.5 m = M
([3]) Għandha tiġi użata l-iktar edizzjoni reċenti ta' l-istandard.
([4]) Il-limiti (m u M) għandhom japplikaw biss għal kampjuni meħuda bil-metodu distruttiv. Il-log medju ta' kuljum għandu jiġi kkalkulat billi l-ewwel jittieħed valur log għal kull riżultat individwali tat-test u mbagħad tiġi kkalkulata l-medja ta' dawn il-valuri log.
([5]) Il-50 kampjun għandhom jittieħdu minn 10 sessjonijiet konsekuttivi ta' teħid ta' kampjuni skond ir-regoli tat-teħid tal-kampjun u l-frekwenzi stipulati f'dan ir-Regolament.
([6]) In-numru ta' kampjuni fejn tiġi individwata l-preżenza tas-*salmonella*. Il-valur c huwa suġġett għal reviżjoni sabiex jitqies il-progress li sar fit-tnaqqis tal-prevalenza tas-*salmonella*. Stati Membri jew reġjuni li għandhom prevalenza baxxa tas-*salmonella* jistgħu jużaw valuri c iktar baxxi anki qabel ir-reviżjoni.
([7]) Dan il-kriterju ma għandux japplika għal laħam ikkapuljat fil-livell tal-bejgħ meta l-perjodu ta' konservabilità tal-prodott tkun inqas minn 24 siegħa.
([8]) L-*E. coli* hawnhekk jintuża bħala indikatur tal-kontaminazzjoni tal-ħmieġ ta' l-imsaren.
([9]) Dawn il-kriterji għandhom japplikaw għal-laħam separat bil-magni (MSM) prodott bit-tekniki msemmija fil-paragrafu 3 tal-Kapitolu III tas-Sezzjoni V ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Interpretazzjoni tar-riżultati ta' l-ittestjar**

Il-limiti mogħtija jirreferu għal kull unità kampjun ittestjata, eskluż l-ittestjar ta' karkassi fejn il-limiti jirreferu għal kampjuni komposti.

Ir-riżultati ta' l-ittestjar juru l-kwalità mikro-bijoloġika tal-proċess ittestjat.

*Enterobacteriaceae* u l-għadd totali ta' mikro-organiżmi aerobiċi fil-karkassi ta' bovini, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u ħnieżer:

— sodisfaċenti, jekk il-log medju ta' kuljum hu ≤ m,

— aċċettabbli, jekk il-log medju ta' kuljum hu bejn m u M,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-log medju ta' kuljum hu > M.

*Salmonella* fil-karkassi:

— sodisfaċenti, jekk il-preżenza tas-*Salmonella* tinstab f'massimu ta' c/n kampjuni,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tas-*Salmonella* tinstab f'iktar minn c/n kampjuni.

Wara kull sessjoni ta' teħid ta' kampjuni, ir-riżultati ta' l-aħħar għaxar sessjonijiet ta' teħid ta' kampjuni għandhom jiġu evalwati sabiex jinkiseb in-numru n ta' kampjuni.

L-*E. coli* u l-għadd totali ta' mikro-organiżmi aerobiċi fil-laħam ikkapuljat, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-laħam separat bil-magni (MSM):

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu ≤ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta' c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu ≤ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

2.2 *Ħalib u prodotti tal-ħalib*

| | Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-teħid tal-kampjuni (1) | | Limiti (2) | | Metodu analitiku ta' referenza (3) | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | n | c | m | M | | | |
| 2.2.1 | Ħalib ippastorizzat u prodotti oħra likwidi tal-ħalib ippastorizzat (4) | *Entero-bacteriaceae* | 5 | 2 | < 1/ml | 5/ml | ISO 21528-1 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Kontrolli fuq l-effiċjenza tat-trattament bis-sħana u l-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni mill-ġdid kif ukoll il-kwalità tal-materji primi |
| 2.2.2 | Ġobnijiet magħmula minn ħalib jew xorrox li għadda minn trattament bis-sħana | *E. coli* (5) | 5 | 2 | 100 cfu/g | 1 000 cfu/g | ISO 16649-1 jew 2 | Fil-ħin matul il-proċess ta' manifattura fejn l-għadd totali ta' l-*E. coli* mistenni li jkun l-ogħla (6) | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u l-għażla tal-materji primi |
| 2.2.3 | Ġobnijiet magħmula minn ħalib mhux ippastorizzat | Stafilkokki koagulażi pożittivi | 5 | 2 | $10^4$ cfu/g | $10^5$ cfu/g | EN/ISO 6888-2 | Fil-ħin matul il-proċess ta' manifattura fejn l-għadd totali ta' stafilokokki mistenni li jkun l-ogħla | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u l-għażla tal-materji primi. Jekk jinstabu valuri >105 cfu/g, il-grupp ta' ġobnijiet għandu jiġi ttestjat għal ente-rotossini stafilokokki. |
| 2.2.4 | Ġobnijiet magħmula minn ħalib li kellu trattament bi sħana iktar baxxa mill-pastorizzazzjoni (7) u ġobnijiet immaturati magħmula minn ħalib jew xorrox li ġie ppastorizzat jew kellu trattament bi sħana ikbar (7) | Stafilkokki koagulażi pożittivi | 5 | 2 | 100 cfu/g | 1 000 cfu/g | EN/ISO 6888-1 jew 2 | | |
| 2.2.5 | Ġobnijiet rotob mhux immaturati (ġobnijiet friski) magħmula minn ħalib jew xorrox li ġie ppastorizzat jew kellu trattament bi sħana iktar qawwija (7) | Stafilkokki koagulażi pożittivi | 5 | 2 | 10 cfu/g | 100 cfu/g | EN/ISO 6888-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni. Jekk jinstabu valuri >105 cfu/g, il-grupp ta' ġobnijiet għandu jiġi ttestjat għal ente-rotossini stafilokokki. |
| 2.2.6 | Butir u krema magħmulin minn ħalib nej jew ħalib li kellu trattament bi sħana inqas minn dik tal-pastorizzazzjoni | *E. coli* (5) | 5 | 2 | 10 cfu/g | 100 cfu/g | ISO 16649-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u l-għażla tal-materji primi |

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-teħid tal-kampjuni (1) | | Limiti (2) | | Metodu analitiku ta' referenza (3) | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | | |
| 2.2.7 Trab tal-ħalib u trab tax-xorrox (4) | *Enterobacteriaceae* | 5 | 0 | 10 cfu/g | | ISO 21528-2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Kontrolli fuq l-effiċjenza tat-trattament bis-sħana u l-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni mill-ġdid |
| | Stafilkokki koagulażi pożittivi | 5 | 2 | 10 cfu/g | 100 cfu/g | EN/ISO 6888-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni. Jekk jinstabu valuri > 105 cfu/g, il-grupp għandu jiġi ttestjat għall-enterotossini stafilokokki. |
| 2.2.8 Ġelati (8) u deżerti magħmula bil-ħabib iffriżati | *Enterobacteriaceae* | 5 | 2 | 10 cfu/g | 100 cfu/g | ISO 21528-2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni |
| 2.2.9 Il-formoli mnixxfa tat-trabi u l-ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi ta' inqas minn sitt xhur | *Enterobacteriaceae* | 10 | 0 | Assenza f'10 g | | ISO 21528-1 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni sabiex tiġi mminimizzata l-kontaminazzjoni (9). |
| 2.2.10 Il-formoli mnixxfa ta' prosegwiment | *Enterobacteriaceae* | 5 | 0 | Assenza f'10 g | | ISO 21528-1 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni sabiex tiġi mminimizzata l-kontaminazzjoni. |
| 2.2.11 Il-formoli mnixxfa tat-trabi u l-ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi ta' inqas minn sitt xhur | *Bacillus cereus* preżuntiv | 5 | 1 | 50 cfu/g | 500 cfu/g | EN/ISO 7932 (10) | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni. Prevenzjoni tar-rikontaminazzjoni. Għażla ta' materja prima. |

(1) n = in-numru ta' unitajiet li jagħmlu kampjun; c = in-numru ta' unitajiet kampjun li jagħtu valuri bejn m u M.
(2) Għall-punti 2.2.7, 2.2.9 u 2.2.10 m = M
(3) Għandha tiġi użata l-iktar edizzjoni reċenti ta' l-istandard.
(4) Il-kriterju ma għandux japplika għal prodotti intenzjonati għal aktar ipproċessar fl-industrija ta' l-ikel.
(5) L-*E. coli* hawnhekk jintuża bħala indikatur tal-livel ta' iġjene.
(6) Għal ġobnijiet mhux favorevoli għall-iżvilupp ta' l-*E. coli*, l-għadd totali ta' l-*E. coli* normalment huwa l-ogħla fil-bidu tal-perjodu ta' maturazzjoni, u għal ġobnijiet favorevoli għall-iżvilupp ta' l-*E. coli*, l-għadd totali normalment huwa l-ogħla fi tmiem il-perjodu ta' maturazzjoni.
(7) Minbarra ġobnijiet fejn il-manifattur jista' juri, b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti, li l-prodott ma jikkostitwixxix riskju ta' enterotossini stafilokokki.
(8) Il-ġelati li fihom ingredjenti tal-ħalib biss.
(9) Għandu jitwettaq ittestjar parallel għall-*Enterobacteriaceae* u *E. sakazakii*, sakemm ma ġietx stabbilita korrelazzjoni bejn dawn il-mikro-organiżmi f'livell ta' impjant individwali. Jekk jinstabu l-*Enterobacteriaceae* f'wieħed mill-kampjuni tal-prodotti ttestjati f'impjant ta' din ix-xorta, il-grupp għandu jiġi ttestjat għall-*E. sakazakii*. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-manifattur li juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti jekk teżistix korrelazzjoni ta' din ix-xorta bejn l-*Enterobacteriaceae* u l-*E. sakazakii*.
(10) 1 ml ta' inokulu jitqiegħed fuq dixx Petri b'dijametru ta' 140 mm jew fuq tliet dixxijiet Petri b'dijametru ta' 90 mm.

**Interpretazzjoni tar-riżultati ta’ l-ittestjar**

Il-limiti mogħtija jirreferu għal kull unità kampjun ittestjata.

Ir-riżultati ta’ l-ittestjar juru l-kwalità mikro-bijoloġika tal-proċess ittestjat.

*Enterobacteriaceae* f’formoli mnixxfa tat-trabi, ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi b’età ta’ inqas minn sitt xhur u formuli mnixxfa ta’ prosegwiment:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw l-assenza tal-batterju,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata f’wieħed mill-unitajiet kampjuni.

*E. coli*, *Enterobacteriaceae* (kategoriji oħrajn ta’ l-ikel) u stafilokokki koagulażi pożittivi:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu $\leq$ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta’ c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu $\leq$ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

Il-*Bacillus cereus* f’formoli mnixxfa tat-trabi u ikel djetetiku mnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi b’età ta’ inqas minn sitt xhur:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu $\leq$ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta’ c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu $\leq$ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

2.3 *Prodotti tal-bajd*

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-teħid tal-kampjuni [1] | | Limiti | | Metodu analitiku ta' referenza [2] | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | | |
| 2.3.1 Prodotti tal-bajd | *Enterobacteriaceae* | 5 | 2 | 10 cfu/g jew ml | 100 cfu/g jew ml | ISO 21528-2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Kontrolli fuq l-effiċjenza tat-trattament bis-sħana u l-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni mill-ġdid |

([1]) n = in-numru ta' unitajiet li jagħmlu kampjun; c = in-numru ta' unitajiet kampjun li jagħtu valuri bejn m u M.
([2]) Għandha tiġi użata l-iktar edizzjoni reċenti ta' l-istandard.

**Interpretazzjoni tar-riżultati ta' l-ittestjar**

Il-limiti mogħtija jirreferu għal kull unità kampjun ittestjata.

Ir-riżultati ta' l-ittestjar juru l-kwalità mikro-bijoloġika tal-proċess ittestjat.

*Enterobacteriaceae* fi prodotti tal-bajd:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu ≤ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta' c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu ≤ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

2.4 *Prodotti tas-sajd*

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-tehid tal-kampjuni (1) | | Limiti | | Metodu analitiku ta' referenza (2) | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | | |
| 2.4.1 Prodotti bil-qoxra u mingħajr qoxra ta' krustaċji u molluski msajra | *E. coli* | 5 | 2 | 1/g | 10/g | ISO TS 16649-3 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni |
| | Stafilkokki koagulażi pożittivi | 5 | 2 | 100 cfu/g | 1 000 cfu/g | EN/ISO 6888-1 jew 2 | Tmiem il-proċess tal-manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni |

(1) n = in-numru ta' unitajiet li jagħmlu kampjun; c = in-numru ta' unitajiet kampjun li jagħtu valuri bejn m u M.
(2) Għandha tiġi użata l-iktar edizzjoni reċenti ta' l-istandard.

**Interpretazzjoni tar-riżultati ta' l-ittestjar**

Il-limiti mogħtija jirreferu għal kull unità kampjun ittestjata.

Ir-riżultati ta' l-ittestjar juru l-kwalità mikro-bijoloġika tal-proċess ittestjat.

*E. coli* fi prodotti bil-qoxra u mingħajr qoxra ta' krustaċji u molluski msajra:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu ≤ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta' c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu ≤ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

Stafilokokki koagulażi pożittivi fi prodotti mingħajr qoxra ta' krustaċji u molluski msajra:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu ≤ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta' c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu ≤ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

2.5 *Ħxejjex, frott u prodotti tagħhom*

| Kategorija ta' l-ikel | Mikro-organiżmi | Pjan tat-tehid tal-kampjuni ([1]) | | Limiti | | Metodu analitiku ta' referenza ([2]) | Stadju fejn japplika l-kriterju | Azzjoni fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | n | c | m | M | | | |
| 2.5.1 Frott u ħxejjex imqattgħin minn qabel (lesti biex jittieklu) | *E. coli* | 5 | 2 | 100 cfu/g | 1 000 cfu/g | ISO 16649-1 jew 2 | Proċess ta' manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u l-għażla tal-materji primi |
| 2.5.2 Il-meraq tal-frott u l-ħxejjex mhux ippastorizzati (lesti biex jittieklu) | *E. coli* | 5 | 2 | 100 cfu/g | 1 000 cfu/g | ISO 16649-1 jew 2 | Proċess ta' manifattura | Titjib fl-iġjene tal-produzzjoni u l-għażla tal-materji primi |

([1]) n = in-numru ta' unitajiet li jagħmlu kampjun; c = in-numru ta' unitajiet kampjun li jagħtu valuri bejn m u M.
([2]) Għandha tiġi użata l-iktar edizzjoni reċenti ta' l-istandard.

**Interpretazzjoni tar-riżultati ta' l-ittestjar**

Il-limiti mogħtija jirreferu għal kull unità kampjun ittestjata.

Ir-riżultati ta' l-ittestjar juru l-kwalità mikro-bijoloġika tal-proċess ittestjat.

*E. coli* fi frott u ħxejjex ta' l-ikel imqattgħin minn qabel (lesti biex jittieklu) u f'meraq tal-frott u l-ħxejjex mhux ippastorizzati: (lesti biex jittieklu)

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jkunu ≤ m,

— aċċettabbli, jekk massimu ta' c/n valuri jkunu bejn m u M, u l-bqija tal-valuri osservati jkunu ≤ m,

— mhux sodisfaċenti, jekk wieħed jew iktar mill-valuri osservati jkun > M, jew iktar minn c/n valuri jkunu bejn m u M.

**Kapitolu 3 Regoli għat-teħid tal-kampjuni u t-tħejjija tal-kampjuni għall-ittestjar**

3.1 *Regoli għat-teħid tal-kampjuni u t-tħejjija tal-kampjuni għall-ittestjar*

Fin-nuqqas ta' regoli iktar speċifiċi dwar it-teħid ta' kampjuni u t-tħejjija tal-kampjuni għall-ittestjar, l-istandards rilevanti ta' l-ISO (l-Organizzazzjoni Internazzjoni għall-Istandardizzazzjoni) u l-linji ta' gwida tal-Codex Alimentarius għandhom jintużaw bħal metodi ta' referenza.

3.2 *Teħid ta' kampjuni batterjoloġiċi fil-biċċeriji u fi stabbilimenti li jipproduċu l-laħam ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam*

Regoli għat-teħid ta' kampjuni għall-karkassi tal-bovini, il-ħnieżer, in-ngħaġ, il-mogħoż, u ż-żwiemel

Il-metodi distruttivi u non-distruttivi ta' teħid ta' kampjuni, l-għażla tas-siti għat-teħid ta' kampjuni u r-regoli għall-ħażna u t-trasport tal-kampjuni huma deskritti fl-istandard ISO 17604.

Għandhom jittieħdu kampjuni aleatorji minn ħames karkassi f'kull sessjoni ta' teħid ta' kampjuni. Is-siti tal-kampjuni għandhom jintgħażlu billi titqies it-teknoloġija tal-qtil użata f'kull impjant.

Waqt teħid ta' kampjuni għall-analiżi ta' l-għadd totali ta' l-Enterobacteriaceae u mikro-organiżmi aerobiċi, għandhom jittieħdu kampjuni minn erba' siti minn kull karkassa. Erba' kampjuni ta' tessuti li jirrappreżentaw total ta' 20 ċm$^2$ għandhom jinkisbu bil-metodu distruttiv. Meta jintuża l-metodu mhux distruttiv għal dan l-għan, l-erja minn fejn jittieħed il-kampjun għandha tkopri minimu ta' 100 ċm$^2$ (50 ċm$^2$ għal karkassi ta' bhejjem li jixtarru żgħar) għal kull sit minn fejn jittieħdu l-kampjuni.

Waqt teħid ta' kampjuni għal analiżi tas-Salmonella, għandu jintuża metodu ta' teħid ta' kampjuni bi sponża barraxa. Għandhom jintgħażlu l-erjas li l-aktar għandhom ċans li jiġu kkontaminati. L-erja totali għat-teħid tal-kampjun għandha tkopri minimu ta' 400 cm$^2$.

Meta l-kampjuni jittieħdu mis-siti differenti ta' teħid ta' kampjuni fuq il-karkassa, għandhom jingħaqdu f'kampjun kompost qabel l-eżaminazzjoni.

Regoli għat-teħid ta' kampjuni minn karkassi tat-tjur ta' l-irziezet

Għall-analiżi tas-*Salmonella*, għandu jittieħdu kampjuni minn minimu ta' 15-il karkassa b'mod aleatorju waqt kull sessjoni ta' teħid ta' kampjuni u wara t-tkessiħ. Għandha tinkiseb biċċa mill-ġilda ta' l-għonq ta' approssimament 10 g minn kull karkassa. F'kull okkażjoni, il-kampjuni ta' ġilda ta' l-għonq mit-tliet karkassi għandhom jingħaqdu f'kampjun kompost qabel l-eżaminazzjoni sabiex jiġu ffurmati 5 x 25 g kampjuni finali.

Linji ta' gwida għat-teħid ta' kampjuni

Linji ta' gwida iktar dettaljati dwar it-teħid ta' kampjuni mill-karkassi, partikolarment dwar is-siti għat-teħid ta' kampjuni, jistgħu jiġu inklużi fil-gwidi għal prattiċi tajba msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

Frekwenzi għat-teħid ta' kampjuni għal karkassi, il-laħam ikkapuljat, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-laħam isseparat bil-magni

L-operaturi fis-settur ta' l-ikel ta' biċċeriji jew stabbilimenti li jipproduċu l-laħam ikkapuljat, t-tlestija tal-laħam jew il-laħam isseparat bil-magni għandhom jieħdu kampjuni għall-analiżi mikro-bijoloġika għall-inqas darba fil-ġimgħa. Il-jum tat-teħid tal-kampjuni għandu jinbidel kull ġimgħa sabiex ikun assigurat li jkun kopert kull jum tal-ġimgħa.

Fir-rigward tat-teħid tal-kampjuni tal-laħam ikkapuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam għall-E. coli u analiżi ta' *Enterobacteriaceae* u l-għadd totali ta' mikro-organiżmi aerobiċi, il-frekwenza tista' titnaqqas għal ittestjar kull ħmistax jekk jinkisbu riżultati sodisfaċenti għal sitt ġimgħat konsekuttivi.

Fil-każ tat-teħid ta' kampjuni għall-analiżi tas-*Salmonella* tal-laħam ikkapuljat, il-preparazzjonijiet tal-laħam u karkassi, il-frekwenza tista' titnaqqas għal kull ħmistax jekk jinkisbu riżultati sodisfaċenti għal 30 ġimgħa konsekuttiva. Il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni għas-*salmonella* tista' titnaqqas ukoll jekk hemm programm nazzjonali jew reġjonali fis-seħħ għall-kontroll tas-*salmonella* u jekk dan il-programm jinkludi ttestjar li jieħu post it-teħid ta' kampjuni deskritt f'dan il-paragrafu. Il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni tista' titnaqqas iżjed jekk il-programm nazzjonali jew reġjonali għall-kontroll tas-*salmonella* juri li l-prevalenza tas-*salmonella* hija baxxa f'annimali mixtrija mill-biċċerija.

Madankollu, meta jkun iġġustifikat fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u konsegwentement awtorizzat mill-awtorità kompetenti, biċċeriji u stabbilimenti żgħar li jipproduċu l-laħam ikkapuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam fi kwantitajiet żgħar jistgħu jiġu eżentati minn dawn il-frekwenzi ta' teħid ta' kampjuni."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1442/2007

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni inċiż, tiegħu;

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, id-differenza bejn il-prezzijiet għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament imsemmi fis-suq dinji u f'dak tal-Komunità tista' tiġi koperta b'rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur taz-zokkor, jeħtieġ li jiġu definiti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, f'konformità mar-regoli u ma' ċerti kriterji pprovduti fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjonijiet, meta dan ikun iġġustifikat mill-qagħda tas-suq dinji jew mill-esiġenzi speċifiċi ta' ċerti swieq.

(4) Jistgħu jingħataw rifużjonijiet biss fuq prodotti li jkunu awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Komunità u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti li jgawdu minn rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma definiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

*ANNESS*

**Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu, applikabbli mis-7 ta' Diċembru 2007**

| Il-kodiċi tal-prodott | Id-destinazzjoni | L-unità tal-kejl | L-ammont tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 1701 11 90 9100 | S00 | EUR/100 kg | 28,88 (1) |
| 1701 11 90 9910 | S00 | EUR/100 kg | 29,49 (1) |
| 1701 12 90 9100 | S00 | EUR/100 kg | 28,88 (1) |
| 1701 12 90 9910 | S00 | EUR/100 kg | 29,49 (1) |
| 1701 91 00 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3140 |
| 1701 99 10 9100 | S00 | EUR/100 kg | 31,40 |
| 1701 99 10 9910 | S00 | EUR/100 kg | 32,06 |
| 1701 99 10 9950 | S00 | EUR/100 kg | 32,06 |
| 1701 99 90 9100 | S00 | EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3140 |

*NB*: Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

S00 — Id-destinazzjonijiet kollha, għajr:

a) pajjiżi terzi: l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Andorra, Liechtenstein u s-Santa Sede (il-Belt tal-Vatikan);

b) territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italja, Heligoland, il-Groenlandja, il-Gżejjer Faroe u l-partijiet tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll.

c) territorji Ewropej li r-relazzjonijiet barranin tagħhom huma r-responsabbiltà ta' Stat Membru u li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: Ġibilta'

(1) Dan l-ammont huwa applikabbli għaz-zokkor mhux ipproċessat b'rendiment ta' 92 %. Jekk ir-rendiment taz-zokkor mhux ipproċessat ma jibqax ta' 92 %, għal kull operazzjoni ta' esportazzjoni kkonċernata, l-ammont tar-rifużjoni applikabbli jiġi mmultiplikat b'fattur ta' konverżjoni li jinkiseb billi jiġi diviż b'92 ir-rendiment taz-zokkor esportat, ikkalkulat skond il-punt III, il-paragrafu 3, ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1443/2007**

**tas-6 ta' Diċembru 2007**

**li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 900/2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, u t-tielet subparagrafu, punt b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 900/2007 tas-27 ta' Lulju 2007 dwar sejħa miftuħa permanenti għall-offerti sat-tmiem tas-sena tas-suq 2007/2008 għad-determinazzjoni ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad (2) jirrikjedi li jsiru sejħiet għall-offerti parzjali.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 900/2007, u wara eżami ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fis-6 ta' Diċembru 2007, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu għar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għas-sejħa għall-offerti parzjali kkonċernata.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fis-6 ta' Diċembru 2007, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 900/2007 huwa ffissat għal 37,062 EUR/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

(2) ĠU L 196, 28.7.2007, p. 26. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1298/2007 (ĠU L 289, 7.11.2007, p. 3).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1444/2007

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 1060/2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, u t-tielet subparagrafu, punt b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1060/2007 ta' l-14 ta' Settembru 2007 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid għall-esportazzjoni taz-zokkor miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, ta' Spanja, ta' l-Irlanda, ta' l-Italja, ta' l-Ungerija, tal-Polonja, tas-Slovakkja u ta' l-Iżvezja ([2]), jirrikjedi li jsiru sejħiet għall-offerti parzjali.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2007, u wara eżami ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fis-5 ta' Diċembru 2007, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu għar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għas-sejħa għall-offerti parzjali kkonċernata.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fil-5 ta' Diċembru 2007, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2007 huwa ffissat għal 433,98 EUR/t.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.
([2]) ĠU L 242, 15.9.2007, p. 8.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-4 ta' Diċembru 2007**

**dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, għas-sena 2007, għal studji, valutazzjonijiet u stimi ta' l-impatt li jkopru l-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żooteknika**

(2007/795/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni 90/424/KEE, il-Komunità għandha twettaq, jew tgħin lill-Istati Membri jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali biex iwettqu, il-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità u għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ veterinarju.

(2) L-istudji, il-valutazzjonijiet ta' l-impatt kif ukoll l-evalwazzjonijiet sistematiċi u f'waqthom tal-programmi ta' nefqa fl-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żooteknika huma essenzjali biex jitwettqu dawn il-miżuri u se jappoġġjaw ukoll l-azzjonijiet identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006-2010.

(3) Il-ħidmiet kollha individwali huma suġġetti għal kuntratti speċifiċi taħt il-kuntratt ta' qafas ta' evalwazzjoni li għalih tnediet sejħa għall-offerti fl-2004. Dawn il-kuntratti speċifiċi għandhom jiġu ffirmati bejn il-Kummissjoni u l-kuntrattur magħżul kif definit fil-kuntratt ta' qafas.

(4) L-istudji, il-valutazzjonijiet u l-istimi ta' l-impatt li jkopru l-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żooteknika għandhom jifformaw parti mill-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità u mill-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ veterinarju u se jappoġġjaw ukoll l-azzjonijiet identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006-2010.

(5) Għalhekk huwa xieraq li l-Komunità tiffinanzja għas-sena 2007, l-istudji, il-valutazzjonijiet u l-istimi ta' l-impatt, li jkopru l-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żooteknika. L-ammont massimu li għandu jiġi allokat għal dawn l-azzjonijiet irid ikun speċifikat.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu*

*L-azzjonijiet imsemmija fl-Anness huma approvati u għandhom jiġu ffinanzjati* permezz tal-linja tal-baġit 17 04 02 01 tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej għall-2007 sa massimu ta' EUR 700 000.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*Qasam:* Is-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żooteknika.

*Bażi legali:* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infiq fil-qasam veterinarju.

*L-għanijiet politiċi:* Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006–2010 ([1]) identifika bosta oqsma ta' azzjoni b'mod partikolari t-titjib ta' l-istandards minimi eżistenti għall-protezzjoni u l-benesseri ta' l-annimali u l-introduzzjoni ta' indikaturi standardizzati għall-benesseri ta' l-annimali. Rigward it-trasport ta' l-annimali, il-parir minn esperti xjentifiċi jindika li jinħtieġu regoli ġodda u xierqa dwar il-ħinijiet ta' l-ivvjaġġar u d-densitajiet tat-tagħbija. Il-Kummissarju Kyprianou għalhekk ħabbar bosta drabi bħalma għamel matul il-Kunsill ta' l-Agrikultura f'Ottubru 2007 li l-Kummissjoni qed tistudja din il-kwistjoni bl-għan li tipproponi reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([2]) fl-2009.

Fir-rigward ta' l-ittikkettjar tal-benesseri ta' l-annimali, il-Pjan ta' Azzjoni jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar il-possibbiltà ta' skema obbligatorja ta' ttikkettjar għal-laħam tat-tiġieġ u l-prodotti tal-laħam ibbażata fuq il-konformità ma' l-istandards tal-benesseri ta' l-annimali u biex tressaq rapport lill-Kunsill u lill-Parlament dwar l-applikazzjoni ulterjuri ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità għall-benesseri ta' l-annimali. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni f'Mejju 2007 ([3]) biex tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-ittikkettjar tal-benesseri ta' l-annimali biex ikun jista' jsir dibattitu fil-fond dwar dan is-suġġett. Għal dawn ir-raġunijiet jeħtieġ li jiġi ppreżentat studju usa' dwar l-impatt ta' l-ittikkettjar tal-benesseri ta' l-annimali u dwar Ċentru ta' Referenza għall-Benesseri ta' l-Annimali li jista' jservi ta' entità Ewropea ta' koordinament għall-inizjattivi differenti marbuta mal-benesseri ta' l-annimali (standardizzazzjoni/ċertifikazzjoni ta' l-indikaturi tal-benesseri, skemi ta' verifika, *databases* li għandhom x'jaqsmu ma' tikketti ċċertifikati eżistenti).

*Ħidmiet assenjati:* Diversi tipi ta' studji u servizzi oħra li jappoġġjaw it-tfassil u t-tħejjija tal-proposti tal-Kummissjoni.

Studji u servizzi oħra li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006–2010 ġew skedati għall-2007, b'mod partikolari għat-tħejjija ta' valutazzjonijiet ta' l-impatt li għandhom x'jaqsmu mat-trasport ta' l-annimali, it-tbiċċir u t-tħejjija ta' rapport dwar l-ittikkettjar tal-benesseri ta' l-annimali kif mitlub mill-Kunsill.

*Approprjazzjonijiet 2007:* 17 04 02 01 – Miżuri oħra fil-qasam veterinarju, tal-benesseri ta' l-annimali u s-saħħa pubblika: EUR 700 000.

*Għadd ta' azzjonijiet speċifiċi mħejjija:* bejn wieħed u ieħor erbgħa.

L-azzjonijiet kollha għandhom jiġu rregolati bir-regoli komuni għall-akkwisti pubbliċi u se jitwettqu permezz ta' kuntratti speċifiċi taħt kuntratt ta' qafas. Il-kuntratti speċifiċi se jiġu ffirmati matul l-aħħar kwart ta' l-2007.

---

([1]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006–2010, COM(2006) 13 finali.
([2]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.
([3]) Konferenza dwar "Il-Benesseri ta' l-Annimali" – Titjib permezz ta' l-Ittikkettjar? - Konklużjonijiet tal-Kunsill, http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/agricult/94008.pdf

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-5 ta' Diċembru 2007**

**li temenda d-Deċiżjoni 2007/554/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5890)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/796/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tħassar id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE, u li temenda d-Direttiva 92/46/KEE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 60(2) u l-Artikoli 62(1) u (3) tagħha,

Billi,

(1) Wara t-tifqigħat reċenti tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Gran Brittanja, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/554/KE tad-9 ta' Awwissu 2007 rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit li tħassar id-Deċiżjoni 2007/552/KE ([4]) biex jissaħħu l-miżuri ta' kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer meħudin minn dak l-Istat Membru fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE.

(2) Id-Deċiżjoni 2007/554/KE tistipula regoli applikabbli għad-dispaċċ miż-żoni ta' riskju għoli, elenkati fl-Anness I, u ż-żoni ta' riskju baxx elenkati fl-Anness II, ta' dik id-Deċiżjoni ("żoni ristretti"), fil-Gran Brittanja ta' prodotti kkunsidrati sikuri li, jew ġew prodotti qabel ma daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet fir-Renju Unit, minn materja prima li nkisbet barra minn dawn iż-żoni ristretti, inkella sarilhom trattament li huwa ppruvat effettiv għall-inattivazzjoni tal-virus tal-marda possibbli ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(3) Fid-Deċiżjoni 2007/554/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/664/KE, il-Kummissjoni stipulat ir-regoli għad-dispaċċ ta' ċerti kategoriji ta' laħam minn ċerti żoni elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/554/KE, kif emendata, fejn ma ġewx irreġistrati tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal perjodu ta' 90 jum qabel il-qtil u li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet speċifikati.

(4) Fuq il-bażi ta' l-evoluzzjoni tal-qagħda tas-saħħa ta' l-annimali fir-Renju Unit, u b'mod partikolari r-riżultati tas-sorveljanza attwali, issa huwa possibbli li jitkabbru aktar iż-żoni elenkati fl-Anness II u li titnaqqas iż-żona li tikkonsisti minn unitajiet amministrattivi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/554/KE.

(5) Id-Deċiżjoni 2007/554/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni 2007/554/KE jinbidlu bit-test fl-Anness.

*Artikolu 2*

**Implimentazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li huma japplikaw għall-kummerċ biex iġibuhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13, id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33).
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).
([3]) ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).
([4]) ĠU L 210, 10.8.2007, p. 36. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/746/KE (ĠU L 303, 21.11.2007, p. 24).

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 5 ta’ Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

Iż-żoni li ġejjin fir-Renju Unit:

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| GRUPP | ADNS | Unità Amministrattiva |
| L-Ingilterra | 41 | Bracknell Forest Borough |
| | 66 | Slough |
| | 76 | Windsor and Maidenhead |
| | 77 | Wokingham |
| | 138 | Buckinghamshire County, id-distretti ta':<br>South Buckinghamshire |
| | 148 | Hampshire County, id-distretti ta':<br>Hart<br>Rushmoor |
| | 163 | Surrey |
| | 168 | L-Awtorità ta' Greater London, il-boroughs ta':<br>Hillingdon<br>Hounslow<br>Richmond upon Thames<br>Kingston upon Thames<br>Ealing<br>Harrow<br>Brent<br>Hammersmith and Fulham<br>Wandsworth<br>Merton<br>Sutton |

*ANNESS II*

Iż-żoni li ġejjin fir-Renju Unit:

Il-Gran Britanja bl-eċċezzjoni taż-żoni elenkati fl-Anness I

*ANNESS III*

Iż-żoni li ġejjin elenkati fl-Anness I għandu jkollhom l-istatus ta' żoni elenkati fl-Anness III:

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GRUPP | ADNS | Unità Amministrattiva | B | S/G | P | FG | WG |
| L-Ingilterra | 41 | Bracknell Forest | + | + | + | + | |
| | 66 | Slough | + | + | + | + | |
| | 76 | Windsor and Maidenhead | + | + | + | + | |
| | 77 | Wokingham | + | + | + | + | |
| | 138 | Buckinghamshire County, id-distretti ta': | | | | | |
| | | South Buckinghamshire | + | + | + | + | |
| | 148 | Hampshire County, id-distretti ta': | | | | | |
| | | Hart | + | + | + | + | |
| | | Rushmoor | + | + | + | + | |
| | 163 | Surrey County | + | + | + | + | |
| | 168 | L-Awtorità ta' Greater London, il-boroughs ta': | | | | | |
| | | Hillingdon | + | + | + | + | |
| | | Hounslow | + | + | + | + | |
| | | Richmond upon Thames | + | + | + | + | |
| | | Kingston upon Thames | + | + | + | + | |
| | | Ealing | + | + | + | + | |
| | | Harrow | + | + | + | + | |
| | | Brent | + | + | + | + | |
| | | Hammersmith and Fulham | + | + | + | + | |
| | | Wandsworth | + | + | + | + | |
| | | Merton | + | + | + | + | |
| | | Sutton | + | + | + | + | |

ADNS = Animal Disease Notification System Code – Kodiċi ta' Sistema ta' Notifikazzjoni għall-Mard ta' l-Annimali (Deċiżjoni 2005/176/KE)
B = laħam tal-bovini
S/G = laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż [laħam ta' annimali ovini u kaprini]
P = laħam tal-majjal [laħam ta' annimali porċini]
FG = annimali tal-kaċċa mrobbija suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer
WG = annimali selvaġġi tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer"